MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2008

Citazzjoni Numru. 337/2006

**Laurence Agius u Emanuela Rosaria konjuġi Agius**

***Versus***

**Silvio Mario Naudi**

F’din il-kawża l-atturi qegħdin jitolbu illi l-konvenut iroddilhom is-somma ta’ tlittax-il elf lira (Lm13,000) – daqs tletin elf, mitejn u wieħed u tmenin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€30,281.85) – flimkien ma’ l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) mill-1 t’Awissu 2001, l-ispejjeż ġudizzjarji u t-taxxa fuq il-valur miżjud, li huma kienu silfuh u li kien għaraf li għandu jagħtihom b’kuntratt tas-27 ta’ Diċembru 2001 fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri.
L-atturi kienu talbu wkoll illi l-kawża tinqata’ bid-dispensa tas-smigħ, taħt il-proċedura sommarja speċjali, iżda l-qorti b’dikriet tal-20 ta’ Ġunju 2006 ordnat illi l-kawża timxi bil-proċedura normali u l-konvenut ressaq l-eċċezzjoni illi l-

ammont mitlub mill-atturi huwa esaġġerat għax "kif ser jirriżulta mill-provi":

1. qabel ma kien iffirmat il-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2001 hu ma kienx jaf lill-atturi u personalment qatt ma rċieva flus mingħandhom;
2. meta l-partijiet ġew biex jiffirmaw il-kuntratt il-ftehim kien li l-kuntratt kellu jkun biss dwar ir-radd tal-kapital, u għalhekk meta iffirma għal tlittax-il elf lira (Lm13,000) il-konvenut kien fehem illi dik is-somma kienet kollha kapital;
3. fl-2004 l-atturi iffirmaw stqarrija illi s-somma ta' tlittax-il elf lira kienet kollha kapital u ma kinitx tiġbor fiha mgħaxijiet;
4. wara iżda irriżulta li dik is-somma kienet tiġbor ukoll imgħaxijiet b'rata ogħla milli tippermetti l-liġi; u
5. minn dak li l-konvenut sar jaf mingħand Virgilio Perrone – dak li lilu kienu ngħataw il-flus – iċ-ċifra hija ferm inqas minn tlittax-il elf lira (Lm13,000) u l-atturi ġà rċevew ħlasijiet li jridu jitnaqqsu.

It-talba ta' l-atturi hija mibnija fuq il-kuntratt tas-27 ta' Diċembru 2001 fl-atti tan-Nutar Mary Camilleri. F'dak il-kuntratt jingħad illi xi żmien qabel l-atturi kienu silfu tlittax-il elf lira (Lm13,000) lill-konvenut li għaraf id-dejn u ntrabat li jrodd is-self fi żmien mhux iżjed minn tliet snin minn dakinhar ta' l-att u b'imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena b'seħħ minn Awissu ta' l-2001.

Meta xehed il-konvenut irrakkonta storja x'aktarx konfuża li s-self sar mhux lilu iżda lil ċertu Virgilio Perrone, illi dan Perrone kien jissellef mingħand l-atturi u mingħand terzi biex imbagħad jislef lilu, *i.e.* lill-konvenut, illi meta iffirma l-kuntratt ma kienx jaf kemm mill-flus mislufa lilu minn Perrone kienu ġejjin mingħand l-atturi u kemm mingħand terzi – kien jaf biss illi mingħand Perrone kien issellef "*a few thousand pounds* mhux ħażin, eh" – u illi llum sar jaf mingħand Perrone illi l-flus li għaddew mill-atturi lil Perrone u mbagħad lilu "jidher li ma kinux tlittax-il elf lira; *eight thousand pounds* kienu".

Il-konvenut iżda ma fisser xejn kif wasal għal din il-konklużjoni, u lanqas ressaq lil Perrone biex jixhed. Jekk tassew ġara kif qal il-konvenut – illi hu ssellef mingħand Perrone li kien ġab il-flus kemm mingħand l-atturi u kemm mingħand terzi – u Perrone mbagħad iddelegah biex

iħallas lill-atturi, issir irrelevanti fir-relazzjoni bejn il-partijiet fil-kawża l-kwistjoni mnejn ġew il-flus.  Barra minn hekk, li għamel il-konvenut kienu biss allegazzjonijiet u mhux provi;  lanqas biss ressaq bħala xhud lil Perrone li, skond il-verżjoni tal-konvenut, kellu rwol x'aktarx ċentrali f'dak li ġara.
Li jibqa' relevanti f'kull każ hu li l-konvenut intrabat b'att pubbliku biex irodd tlittax-il elf lira (Lm13,000) lill-atturi u ma ressaq ebda prova illi l-kuntratt huwa milqut b'xi vizzju tal-kunsens jew b'xi *causa* illeċita jew illi saru xi ħlasijiet.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi wara li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut tikkundannah iħallas lill-atturi s-somma ta' tletin elf, mitejn u wieħed u tmenin euro u ħamsa u tmenin ċenteżmu (€30,281.85) flimkien ma' l-imgħaxijiet bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-1 t'Awissu 2001, l-ispejjeż ġudizzjarji kollha u t-taxxa fuq il-valur miżjud.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------